KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 26

It-tmintax il-seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar il-Ħamis 7 ta' Jannar 2021 fis-6pm. Il-laqgħa saret ġewwa s-sala.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Vici Sindku |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Vivien Galea Pace | Kunsilliera |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Ilona Fenech | Kunsilliera |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Soler | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal/D.Seg Eż |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.00:*

*26.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 24 u 25;*
*26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*26.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*26.5 Rapporti;*
*26.6 Staff Performance Appraisal 2020;*
*26.7 Items Oħra;*
*26.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*26.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*26.10 Mozzjonijiet*
*26.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

**26.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

26.1.1 Is-Sindku awgura sena tajba lill-kunsilliera kollha.
Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kunsilliera, W.Vella Baldacchino, D.Soler u I.Fenech talbu biex ikunu skuzati mil-laqgħa.

**26.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

*Minuti nru 25*

26.2.1 Saru l-korrezzjonijiet kif huma indikati fuq id-dokumenti oriġinali tal-Minuti nru. 24. Il-kunsillier ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier E.Borg issekonda l-proposta. Il-minuti ġew approvati unaniment.

26.2.2 B'referenza għal punt nru. 24.2.3 is-Sindku qal illi kien għamel kuntatt ma' Ministru sabiex ikun hemm sistema ta' parking simili bħal li hemm il-Belt, izda ma rċieva l-ebda update.

26.2.3 B'referenza għal Bye-laws, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi intbagħtet l-emajl lil Ministru li rrisponda fil-Milied illi se jara fuqhom. Sadanitant waslu risposti mid-DLG fejn hemm uħud li ġew approvati u oħrajn illi għad hemm ftit dubji fuqhom.
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi għandna nibdew nagħmlu marketing ta' dawn il-bye-laws, kif ukoll li jsiru laqgħat ma entitajiet li jiġu affetwati.

26.2.4 Waqt id-diskussjoni tal-punt nru. 25.2.3, il-kunsillier K.Wain qal illi hemm bzonn isir bye-law kontra x-xorb fil-lokalita. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi ra bye-law simili u ħass illi din mhix appikabbli għal-lokalita bħal tagħna. Is-Sindku qal illi għandna noqogħdu bil-qegħda u niddiskutu din il-proposta izda b'mod kif tindirizza l-

problemi tal-lokalit mingħajr ma toħloq izjed inkwiet. Il-kunsillier K.Wain insista li laned m'għandomx jitħallew fit-toroq u bankini. Waqt din id-diskussjoni kien hemm disgwid u s-Sindku ssospenda l-laqgħa u qal li se titkompla biss jekk kulħadd lest izomm id-dixxiplina.

**Il-laqgħa tkompliet.**

.

26.2.5 B'referenza għal punt numru 24.5.9, is-Sindku qal illi qed ikun hemm wisq problemi peress illi l-Bulky qed tinġabar tard ħafna. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għamel kuntatt mall-kuntrattur u kien hemm qbil illi ssir il-laqgħa wara l-festi. B'hekk follow-ups fuq is-servizzi tiegħu se jiġu diskussi f'dik il-laqgħa.

26.2.6 Il-Minuti tal-laqgħa numru 25 ġew ippreżentati. Il-Viċi Sindku pproponiet illi jiġu approvati. Il-kunsillier K.Wain issekonda l-proposta. Kien hemm qbil unanimu.

## 26.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

26.3.1 Is-Sindku qal illi hemm bzonn illi jkun hemm izjed informazzjoni dwar il-punti li jiġu diskussi fil-laqgħat u jixtieq li jkun hemm izjed updates fil-laqgħa ta' wara. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet illi jiġu identifikati punti tal-laqgħa u dawn jitqassmu ħalli jkun hemm ftehim fuq id-deċiżjonijiet illi ttieħdu.

26.3.2 Is-Sindku rrimarka wkoll illi għad hemm proġetti li għandom isiru li kienu ġew approvati fil-leġislatura preċedenti. Qal illi hemm bzonn illi l-kunsillier responsabbli għad-dekasteru, flimkien mall-assistenza ta' ħaddieħor, izommu kuntatt dirett miegħu u mall-uffiċju ħalli l-affarijiet jimxu.

## 26.4 TWEĠĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET

26.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija

## 26.5 RAPPORTI

26.5.1 Ma kien hemm l-ebda kummenti fuq ir-rapporti.

## 26.6 PERFORMANCE APPRAISALS 2020

26.6.1 Is-Sindku qal illi s-Segretarju Eżekuttiv lesta l-appraisal forms tall-istaff kollha u jaqbel perfettament man-noti u jirrispettaw il-ħsieb li għandu hu fuq kull individwu. Fiċ-ċirkostanzi ta' dak kollu li inkiteb u dak illi jaħseb hu, ippropona li l-istaff jieħdu l-persentaġġi li rrakomanda s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku fakkar ukoll illi din is-sena kienet waħda diffiċli għal kulħadd izda l-membri kollha tal-istaff taw il-massimu tagħhom il-ħin kollu, anka waqt il-perjodu ta' kwarantina.
Il-kunsillier J.Pillow ippropona. Il-kunsillier P.Radmilli ssekondaħ. Il-Kunsill qabel unaniment.

26.6.2 Is-Sindku qal illi fil-fehma tiegħu s-Segretarju Eżekuttiv ukoll għandu jieħu l-massimu kif stipulat fil-liġi. Qal illi jixtieq illi huma t-tnejn jaħdmu izjed *in sync* u li ċerti affarijiet isiru b'mod illi jkunu *streamlined*. Qal illi ma dan kollu jħossu komdu jaħdem miegħu u japprezza x-xogħol tiegħu.
Il-kunsillier J.Pillow ippropona. Il-Viċi Sindku ssekondat. Il-Kunsill qabel unaniment.

26.6.3 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi ma jaqbilx illi l-istaff għandom jitilfu l-leave tagħhom illi ma jkunux użaw matul is-sena, speċjalment meta wħud minnhom ma jieħdu leave minħabba raġunijiet tax-xogħol.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi avolja jaqbel miegħu, ir-regolamenti huma ċari. Qal illi l-istaff ma jitilfux il-leave tagħhom izda għandom dritt jakkumulaw 48 siegħa fis-sena għas-sena ta' wara. Fil-każ ta' Segretarju Eżekuttiv, dan jista jakkumula sa nofs sena. Qal illi hemm ftit impjegati li kellom ftit izjed minn 48 siegħa leave fl-aħħar tas-sena izda l-approvazzjoni, f'dan l-istadju tista tkun tal-massimu skont il-liġi.

Kien hemm qbil illi l-istaff jakkumulaw il-leave tas-sena bl-ammont ta' sigħat kif stipulat fil-liġi.

## *26.7 ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL*

*26.7.1* Is-Sindku daħħal f'izjed dettal dwar il-punt tiegħu fil-bidu tal-laqgħa fejn talab illi jkun hemm timijiet zgħar magħmula mill-kunsilliera, kif ukoll mill-istaff, sabiex kulħadd jiffoka fuq proġetti partikolari biex ikun hemm izjed assistenza u approach hands on. Wara diskussjoni ġie deċiż illi kulħadd għandu jibgħat liema gruppi jixtiequ jipparteċċipaw fihom.

*26.7.2* Is-Sindku staqsa dwar zviluppi dwar zbir ta' siġar. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat id-dokumenti għall-permessi.

*26.7.3* Is-Sindku qal illi hemm l-ispray, li għanda tintuza biex sidien ta' klieb inaddfu warajhom, il-Kunsill. Is-Sindku ssuġerixxa li residenti jġibu magħhom iċ-ċertifikat illi dawn il-klieb huma chipped, waqt illi n-nies iridu jipprovdu provi li huma mil-lokalita. Il-Kunsill qabel unaniment.

*26.7.4* Is-Sindku staqsa jekk hemm updates dwar il-Public Convenience ta' Ferro Bay. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Case Officer kien bagħat id-dokumenti ħalli l-proposta tiġi diskussa quddiem il-Bord wara li approvahom hu.

*26.7.5* Is-Sindku qal illi jixtieq jagħti rendikont ta' ċerti proġetti li għadom iridu isiru, ftit minnhom li kienu pjanati snin ilu. Dawn huma:

Public Conveniences ta' Ferro Bay u Ix-Xatt
Public Conveniences ta' quddiem l-Għasa
Upgrade tal-area fejn Speedy Garage fejn qabel il-pandemija kien hemm diskussjonijiet ma kumpanija li kienet se tieħu ħsieb il-proġett bħala parti mis-CSR. Qal illi f'dal każ jixtieq jerġa jagħmel kuntatt magħhom.
Ġnien Bonello De Puis hemm bzonn dawl, railings u anka izjed siġar.
Dwar il-funtani qal illi dawn qegħdin isiru u għandna niffokaw fuq it-tnejn li hemm Ix-Xatt.
Interventi fl-isqaqien.

Flower pots ġo Manoel Dimech u forsi anka bank biex joqogħdu bil-qegħda l-anzjani.
Lampi ta' Bisazza str.
Il-proġett ta' Ġorġ Borg ma Dingli str. li issa għanda tiġi approvata minn naħa ta' TM.
Semma wkoll eżempju li ilha snin biex isir fejn hemm l-approvazzjoni ta' TM biex isir intermediate lane ġo Tower road qabel ma tidħol għal triq il-Kulleġġ l-Antik, izda wara taw permessi għat-tables and chairs fl-istess area.
Traffic management measures ma Tower road.
CCTV

Għalhekk qal illi huwa ferm importanti li jingħaqdu f'timijiet zgħar u b'interventi zgħar isiru mirakli.

*26.7.6* Is-Sindku qal illi wara li tneħħew l-affarijiet kollha li tħallew fil-ġnien minn persuna partikolari, li issa m'għadux magħna, sfortunatament hemm persuna oħra li issa qed tagħmel l-istess. Qal illi l-pulizija ġew informati izda ma nsitawx inħalluha terġa ssir dumping site.

*26.7.7* Il-kunsillier P.Radmilli qal illi dalwaqt se tagħlaq tender dwar ix-xiri ta' tlettin siġra max-Xatt u hemm bzonn konferma dwar min se jkun fil-kumitat.
Il-Viċi Sindku u l-kunsillier J.Pillow offrew li jagħmlu parti mit-tim u kien hemm qbil li flimkien mall-kunsillier P.Radmilli ikunu fil-bord tal-evalwazzjoni.

**Il-kunsillier P.Portelli ġie skuzat mil-laqgħa fit-20.19**

*26.7.8* Is-Sindku qal illi dakinhar tal-laqgħa kien hemm stedina biex membru tal-Kunsill jidħol għal-laqgħa li kien hemm dwar rapport li ħarġet dwar il-Waste, izda ħadd ma attenda. Qal illi jixtieq illi kulħadd jaqra r-rapport u jkun hemm parteċipazzjoni.
Se tintbagħat stedina lil kulħadd

**Il-kunsillier A.Debono tala illi jkun skuzat għal ftit minuti fit-20.24**

*26.7.9* Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi d-Dep. Seg. Eż uffiċjalment hija mnizzla bħala impjegata għal għoxrin siegħa fil-ġimgħa izda qed tagħmel izjed minn tlettin siegħa fil-ġimgħa. Qal illi uffiċjalment

qed isir talba sabiex tiġi imnizzla bħala impjegata full time with reduced hours *30. Il-Kunsill qabel unaniment.

*26.7.10* Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi resident tal-condiminium Belmont Heights qal illi l-kuntrattur qed jiġbor l-iskart kull nhar ta’ Tlieta/il-Ħamis u s-Sibt, izda qed jħallat l-imbarazz kollu cioe, l-organiku, l-iskart riċikkabbli u skart normali. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-arranġamenti saru qabel ma inbiddlet il-liġi u ssuġerixxa li l-kuntrattu jibda jmur qabel il-ġabra ta’ nhar it-Tnejn/l-Erbgħa u l-Ġimgħa biex ipoġġi l-iskart ġo skips u jiġborhom l-għada.

*26.7.11* Il-kunsillier K.Wain staqsa għall-update dwar il-pouches. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-isponsor għandu joħroġ il-Purchase Order u għandna l-arranġamenti kollha bil-miktub.

**Il-kunsillier A.Debono rritorna għal ħabta ta’ 20.41**

***26.8*** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA’ KUMITAT U/JEW SOTTO KUMITATI**

*26.8.1* Il-kunsillier P.Radmilli ta rendikont tal-laqgħa li saret mall-kumitat tal-fondi. Rigward l-iskema SPI/SCI/7/2020 ‘Smart Solutions għall-Immaġinjar ta’ Skart Aħjar’ il-kunsillier P.Radmilli għamel referenza għal idea li kellu waqt laqgħa preċedenti, fejn kien hemm qbil mill-Kunsill, sabiex ikun hemm bins f’żoni fil-lokalita, fejn wieħed jista jħalli l-boroz barra l-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart. Dawn il-bins għandom ikunu f’postijiet urbani, puliti, jinfetħu bil-key card u mdawwrin bis-CCTV. Kien hemm unanimu mall-proġett. Kien hemm qbil unanimu wkoll mar-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat.

**Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat. Kien hemm qbil illi l-laqgħa titkompla.**

***26.7*** **TITKOMPLA ITEMS OĦRA**

*26.7.12* Peress illi kellu joħroġ, il-kunsillier A.Debono, li għaraf illi jixtieq jgħid kelmtejn qabel ma ħareġ, talab illi jgħid il-punti tiegħu. Il-Kunsill qabel.

*26.7.13* Il-kunsillier A.Debono qal illi ġewwa triq San Duminku hemm lapida magħluqa. Qal ukoll illi fi triq Sant Agatha hemm niċċa

nieqsa fejn bnew apartamenti ġodda. Il-kunsillier P.Radmili qal illi fuq din m'hemmx inkwiet peress illi qegħda fil-permess tagħhom tal-P.A illi din in-niċċa għanda titpoġġa lura.

*26.7.14* Il-kunsillier A.Debono qal illi hemm persuna li hija assoċċjata mall-Assoċazzjoni ta' Table Tennis illi staqsiet dwar il-possibilita li nwaħħlu mejda ta' siment x'imkien fil-pubbliku fejn wieħed jista jmur jilgħab it-table tennis. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi għalissa ssir fejn il-Playing Field taħt it-Torri.

*26.7.15* Il-kunsillier A.Debono qal illi grazzi għall-ħidma ta' kulħadd morna tajjeb taħt iċ-ċirkostanzi fil-Milied u kien hemm apprezzament kbir għall-ammont ta' dekorazzjonijiet li kien hemm. Issuġerixxa li għas-sena d-dieħla nagħmlu presepju li tkun magħmula minn materjal riċekabbli. Din tiswa madwar €1200 u €1500 biex tinkera u €3000 biex tinxtara. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi naraw l-aħjar jekk tinkera jew tinxtara izda ssir għall-Milied illi ġej.

*26.7.16* Il-kunsillier D.Muscat qal illi għandna nagħmlu kommunikazzjoni ma Bialystok biex nieħdu siġra għall-Milied.

*26.7.17* Is-Sindku qal illi għall-Milied illi ġej għandna noħolqu fond mid-dħul illi se jkun hemm mir-riklami tal-għamara tat-toroq.

*26.7.18* Il-kunsillier A.Debono qal illi wara s-suċċess kbir li kien hemm bil-bus tal-Milied, qed jipproponi li ssir xi ħaġa simili għall-Karnival. Is-Sindku u l-kunsillier J.Pillow qalu li fil-passat kien hemm problemi kbar meta saret attivita fil-Karnival u wara diskussjoni qasira ittieħdet deċiżjoni unanima li ma ssir xejn.

*26.7.19* Il-kunsillier D.Muscat staqsa dwar il-possibilita li ssir tabella biex trakkijiet ma jidħlux ġewwa triq Stella Maris ħlief għas-servizzi. Il-kunsillier J.Pillow qal illi hemm waħda izda ma jagħtux każ.
Il-kunsillier D.Muscat qal illi hemm bzonn waħda simili wkoll triq Capua kantuniera ma Stella Maris. Is-Sindku qal illi għandna naraw ukoll bejn Howard u Stella Maris. Il-kunsillier D.Muscat qal ukoll illi hemm bzonn inkabbru ftit it-tabelli.

*26.7.20* Il-kunsillier D.Muscat staqsa x'hemm bzonn biex wieħed ikollu kiosk fil-lokalita. Is-Sindku fakkar kif fil-passat dawn, biex jieħdu d-dawl, kellom bzonn permess tal-Kunsill u tal-pulizija. Wara ġiet li rriduha minn waħda jew l-oħra, u issa EneMalta joħorġuhom mingħajr kunsens tagħhom. Is-Sindku fakkar illi qajjem dan il-punt

ftit ilu.

*26.7.21* Il-kunsillier K.Wain hemm stabiliment max-Xatt fejn qegħdin joħorġu boroz taz-zibel kuljum. Is-Sindku qal illi jaf biha izda fil-verita mhux in-nies tal-istabbiliment huma l-problema imma nies illi jgħixu fil-viċinanza.

*26.7.22* Il-kunsillier J.Pillow qal illi qed ikun ħafna zrar ix-Xatt minħabba l-proġett ta' Manoel Dimech. Is-Segretarju Eżekuttiv se jibgħat lil projects manager.

*26.7.23* Is-Sindku qal illi x-xogħolijiet fejn il-Monument tax-'Shadows' għanda ssir malajr wara li ma wassalna mkien mall-MTA. Il-Kunsill qabel unaniment illi x-xogħol isir minn naħa tal-kuntrattur tal-Kunsill.

## *26.9* KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

*26.9.1* Il-kunsillier J.Pillow staqsa dwar il-pagament għal handyman services. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi la ma saritx l-evalwazzjoni tal-handyman, sabiex titkompla x-xogħol iridu noħorġu Direct Orders. Is-Sindku qal illi huwa importanti li min jiddeċċiedi li jkun evalwatur, jagħmel ix-xogħol u ġiet strabbilita perjodu ta' tlett ġimgħat biex jagħlqu t-tenders.

*26.9.2* Il-Kunsillier J.Pillow irrefera ghall-pagamenti għax-xogħol ta' manutenzjoni tad-drenaġġ tat-toilets ta' Qui Si Sana. Qal illi l-kuntrattur m'għamilx ix-xogħol sew. Ġie suġġerit illi inkellmuħ qabel ma jitħallas.

*26.9.3* Il-kunsillier J.Pillow qal illi l-ispiza għax-xogħol tal-Perit għall-monument ta' Tony Nicholl hija essaġerata. Fuq dan il-punt, is-Sindku qal illi l-perit mhux lest jiffirma u qal illi hu lest jiffirma minfloku għax iħoss illi m'hemm l-ebda periklu. Fl-istess ħin qal illi wieħed ma jistax izomm il-pagament.

*26.9.4* B'referenza għal pagament tal-perit fuq aċċess għan-nies vulnerabbli fil-premises tal-Kunsill -, il-kunsillier J.Pillow staqsa għal xiex inhi. Din tapplika għal applikazzjoni quddiem il-Planning li saret snin ilu.

*26.9.5* Id-D.S.E qalet illi kien hemm bzonn xogħol ta' emerġenza fejn ġie kuntrattur biex inaddaf culvert u talab illi jitħallas mill-ewwel. Waqt illi zammejna l-pagament dak il-ħin, saret it-talba biex din tkun inkluda mall-iskeda. L-ammont hi ta' €170.

*26.9.6* Il-kunsillier E.Borg ippropona li l-pagamenti jiġu approvati. Il-kunsillier A.Debono ssekondaħ.

## 26.10 MOZZJONIJIET

26.10.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

## 26.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

26.11.1 Is-seduta ntemmet fil-23.05pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tnejn 8 ta' Frar 2021. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi waqt illi dakinhar jista jkun illi ma jkunx jista jattendi se jkollu jikkonferma izjed tard.

Minuti approvati llum nhar it-Tnejn 8 ta' Frar 2021

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |